XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.17 (Sbatax) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 7 ta' Diċembru, 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Joe Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieg |
| | Marie Claire Depasquale |
| | Mario Buhagiar |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza w apoloġiji. Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

    3.1 Il-proċeduri mal-Bank bħala kont tlestew u għalhekk hemm kont biex fondi allokati skond l-MOU biex isir kostruzzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi u Rikreattivi jiġu trasferiti f'dan il-kont bankarju tal-BOV Zabbar u dan biex jibdew isiru l-pagamenti għal xogħol fuq il-faċilitajiet imsemmija. Kienet inqalgħet kwistjoni jekk jenħtieġ li ssir garanzija da parti tal-Kunsill a rigward dawn il-fondi. Billi din il-garanzija etċ. hu punt legali ġew mgħoddija lill-Avukat għall-parir legali. Is-Sindku dwar dan bagħat e-mail lill-Onor. Austin Gatt u dan bi skop li l-proċeduri jitħaffu. Fl-istess ħin qedgħin nistennew li nissejħu sabiex niffirmaw ftehim fuq dan il-pagament ta' €198,000, u allura qiegħed jiġi deċiż li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw f'isem il-Kunsill skond il-liġi u b'riżoluzzjoni speċifika.

XGĦAJRA

3.2 Dak li ġie mitlub mill-Kunsill a rigward iż-żewġ bylaws ingħata lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s' issa l-Kunsill għadu ma rċieva xejn.

3.3 A rigward l-ilma ta' l-għarar, l-P.S. l-Enġineer Chris Ciantar u l-Enġineer Borg Mifsud għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-MEPA liema sottomissjonijiet kienu jirrigwardaw l-ispustjar ta' l-outflow ta' l-ilma ta' l-għarar min dak il-post li kien indikat fl-aħħar pjan ta' l-ilma ta' l-għarar.

. .

3.4 Il-ġbir ta' l-iskart imħallat domestiku u kummerċjali bieb-bieb, għandu jibda f'Jannar 2011.

3.5 Minn dejjem inħasset il-ħtieġa li jsir CCTV fuq is-siti fejn hemm il-bins għall-iskart separat u dan billi qed ikun hemm abbużi billi jintefa' skart goff ieħor ħdejhom. Il-Greenpak għandha ġġib quotazzjoni mingħand l-Sterling Security għal dan is-servizz ta' sorveljanza.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Serqa li twettqet mill-Uffiċċju tal-Kunsill

4.1 Qed jiġi rregistrat li fil-uffiċini tal-Kunsill bejn il-lejl tat- 23 u 24 ta' Novembru 2010 sar sgass u nsterqu diversi affarijiet fosthom TFTs tal-kompjuters, printers, generator u għodod. Sar rapport mal-Pulizija u ġew avżati ta' l-Insurance.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Korrispondenza:

5.1 Ġie spjegat ir-rapport ta'l-Awditur li jkopri l-Kunsilli Lokali kollha. Is-Sindku spjega kif fuq il-lokalita' tax-Xgħajra ma kien hemm xejn ta' mportanza materjali.

5.2 Il-Kunsill irċieva kuntratti tal-GreenPak sabiex jiġġeddu. Billi l-Kunsill huwa kuntent bis-servizz tal-GreenPak, il-kuntratt għandu jiġi mġedded u għalhekk iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Ġew ratifikati w approvati l-infieq għax-xahar ta'Novembru, 2010.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet fix-Xgħajra jinkludu:

7.1 *Thanks Giving* li ser issir fis-28 ta' Diċembru fit-8.00pm
7.2 Għoti ta' Hamper żgħir lill-anzjani tax-Xgħajra.
7.3 Tiżjin ta' xi toroq fix-Xgħajra bħas snin preċedenti.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Approvazzjoni tal- Performance Bonus lis-Segretarju u lill-iskrivani.
Ġie deċiż li s-Segretarju jingħata bonus ta' 10% massimu skond il-proċeduri finanzjarji u l-iskrivani bonus ta'6% massimu ukoll skond il-proċeduri finanzjarji
Is-Sindku għamel u ffirma l-*appraisal* tas-Segretarju.

9. Item Nru.9 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra:

9.1 Billi l-Kunsill kien qed jagħmel użu ta' Joseph Bianco bħala messaġġier etċ. fl-Uffiċċju u billi l-iskema ta' l-ETC ma ġietx imġeddha, dan is-servizz ser jiġi terminat fl-aħħar ta' din is-sena. In segwitu ta' dan u billi J.Bianco ma kienx sponsorjat mill-ETC għas-sena kurrenti qed ikun għalhekk sponsorjat minn Ditta privata għas-somma ta' €3000 għas-sena 2010 u qed jiġi depożitat l-ewwel cheque ta' €1500 għal sitt xhur.

9.2 Ġie deċiż li l-laqgħa Annwali tar-Residenti issir fil-bidu ta' Jannar 2011 u s-Segretarju jieħu ħsieb sabiex javża d-DOI sabiex ikun ċert li tingħażel data li jkun hemm żmien biżżejjed li dan l-avviż jidher fil-Gazzetta tal-Gvern u dan minħabba li jkun hemm xi ġranet li jkunu malgħuqin.

10. Item Nru.10 fuq l-Aġenda – Aġġornament

Aġġornament għat-Tlieta 11 ta' Jannar, 2011 fil-5.30pm.

______________________________ ______________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt